# Fil-Qorti tal-Magistrati Malta

**Bhal Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Nadine Lia B.A., LL.M(Kent)., LL.D**

**Illum is-16 ta' Gunju 2020**

**Kaz Numru 365/2014**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Joseph Busuttil)**

**Vs.**

**Samuel Zammit**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-imputat Samuel Zammit, bin Abraham u Maria Carmela nee' Saliba imwieled fit-30 ta' Novembru 1989 u residenti 68, Saint Joseph, Flat 3, Triq ic-Cervjola, Marsaskala u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 3790M akkuzat :

Talli fl-06/01/2013, ghall-ahbta tal-10:30hrs gewwa Triq Ghajn Tuffieha, San Pawl il-Bahar:

(1) Saq vettura Nru ABS 885 b'manjiera (a) traskurata (b) perikoluza (c) u bla kont;

(2) U aktar meta b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku, involontarjament ikkagunajt offizi ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Sheldon Sammut (ta' sena) skond kif iccertifika Dr. Anne Marie Bonello M.D. Reg-3466 mill-M.D.H.;

(3) U aktar meta b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku involontarjament ikkagunajt offiza ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Susann Sammut;

Il-Prosekuzzjoni titlob lil Qorti sabiex tiskwalifika lill-imputat mill-licenzji kollha tieghu tas-sewqan ghall-perjodu ta' zmien li l-Qorti jidhrilha xieraq.

Rat illi din il-Qorti kif inhi ppreseduta giet assenjata din il-kawza permess ta digriet ta' nhar il-10 ta' Mejju 2019 moghtija mis-Sinjurija Tieghu Onor. Prim Imhallef Emeritus Joseph Azzopardi LL.D.

Rat li fl-udjenzja tas-7 t'Ottubru 2019 il-partijiet ivverbalizzaw li ezentaw din il-Qorti kif inhi ippreseduta milli terga' tisma' lix-xhieda gja' prodotti;

Rat li waqt is-seduta tat-12 ta' Marzu 2020, l-imputat irregistra ammissjoni inkondizzjonata ghall-imputazzjonijet dedotti kontrih, liema ammissjoni giet ikkonfermata mill-imputat wara li l-Qorti a tenur ta' l-artikolu 392A(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta avzathu u wissietu solennement bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni u kkoncedietlu zmien bizzejjed biex jerga' jikkonsulta ma' l-avukat ta' fiducja tieghu u jikkonsidra t-twegiba tieghu u jerga' lura minnha.

Rat li l-imputat rega tenna u kkonferma l-ammissjoni inkondizzjonata tieghu.

Rat li a tenur ta' l-artikolu 392A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta din il-Qorti setghet tghaddi ghas-sentenza fil-konfront ta' l-imputat.

**Ikkunsidrat**

Illi dan il-kaz imur lura ghal nhar is-6 ta' Jannar 2013 meta gie rraportat li kien sehh incident tat-traffiku gewwa Triq Ghajn Tuffieha, San Pawl il-Bahar fejn kienet giet imwegga' familja, partikolarment omm u tifel zghir ta' sena. L-imputat, li rrizulta li kien qieghed issuq mutur tieghu tal-ghamla Kawasaki, waqt li kien qieghed isuq il-mutur skiddja u baqa' diehel fuqhom u dahal f'cint.

**Ikkunsidrat**

Illi b'amissjoni ta' l-imputat ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu waqt is-seduta tat-12 ta' Marzu 2020 din il-Qorti m'ghandhiex ghazla ghajr li ssibu hati tar-reati addebitati lilu u tghaddi biex tippronunzja sentenza fil-konfront tieghu.

Madankollu ghal-finijiet ta' piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni d-diskussjoni li saru bejn il-partijiet, inkluz l-Avukat Generali, fejn kien hemm qbil bejniethom dwar in-natura tal-piena li ghandha tikkonsidra l-Qorti, u dan kif verbalizzat fost ohrajn, fis-seduta tat-12 ta' Marzu 2020 mill-Ufficjal Prosekutur.

**Decide**

Il-Qorti wara li rat l-Artikoli 15(1)(a), 15(2) u 15(3) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta, l-artikolu 226(1)(b) u (c), u 328(c) u (d) tal-Kapitolu 9 tal-Kodici Kriminali fuq amissjoni tieghu stess, qeghda ssib, lill-imputat Samuel Zammit **hati** tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontrih iżda peress li fiċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ il-Qorti hija tal-fehma li jeżistu l-elementi rikjesti mill-Liġi taħt l-artikolu 22(1) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, tenut kont tax-xorta tar-reat u ċ-ċirkostanzi li seħħew fih, il-Qorti tqis li mhux spedjenti li twaħħal piena karcerarja, iżda li għandhom jiġu applikati d-disposizzjonijiet tal-istess Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, u għalhekk il-Qorti qegħda tagħmel ordni li biha tillibera lill-ħati bil-kundizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor matul il-perjodu ta' tliet (3) snin mid-data tal-lum.

Ai termini tal-Artikolu 22(3) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta il-Qorti fissret lill-ħati bi kliem ċar u li jinftiehem l-effetti tal-ordni għall-liberazzjoni kondizzjonata fis-sens li jekk jagħmel reat ieħor matul dan il-perjodu ta' liberazzjoni kondizzjonata, il-ħati jkun jista' jingħata sentenza għar-reat oriġinali.

Il-Qorti b'applikazzjoni tal-artikolu 15(3) tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta' Malta, qeghda tiskwalifika lill-imputat milli jkollhu jew jottjeni xi licenzja tas-sewqan ghal zmien tliet (3) xhur millum.

Il-Qorti tordna li ai termini ta' l-artikolu 392A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-atti kollha ta' dawn il-proceduri u kopja ta' din is-sentenza jintbaghtu lill-Avukat Generali fiz-zmien moghti mill-Ligi.

**Moghtija illum nhar is-16 ta' Gunju 2020 fil-Qrati tal-Gustizzja, Valletta.**

**Dr. Nadine Lia**

**Magistrat**

**Lorianne Spiteri**

**Deputat Registratur**